MALTA

ATT Nru. XVIII ta' l-1992

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, Kap. 36.

ACT No. XVIII of 1992

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Prevention of Disease Ordinance, Cap. 36.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

30 ta' Ottubru, 1992

ATT Nru. XVIII ta' l-1992

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar it-Ħaris mill-Mard, Kap.36.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 li jemenda l-Ordinanza dwar it-Ħaris mill-Mard, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar it-Ħaris mill-Mard, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira tal-kelma "annimali" għandu jidħol dan li ġej:

" "annimali" tfisser kull ħolqien li jgħix fil-qasam ta' l-annimali u li mhuwiex bniedem;"; u

(b) minflok it-tieni tifsira ta' "marda" minnufih qabel it-tifsira ta' "marid" għandu jidħol dan li ġej:

" "marda" (kif użata fit-Taqsima II ta' din l-Ordinanza) tfisser kull marda infettiva jew kontaġjuża, u tinkludi l-preżenza ta' annimali jew pjanti parasiti li jgħixu fuq barra tal-ġisem jew li jabitaw fil-ġewwieni ta' l-annimali, u liema marda tkun perikoluża għall-bniedem jew għall-annimali, inkella għat-tnejn;".

Mghoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 63 tat-28 ta' Ottubru, 1992.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.